MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2013

Talba Numru. 203/2009

**Simon Dalton**
**ID303572-M**

**vs**

**Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali Msida**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur iddikjara illi peress illi l-Kunsill Lokali istalla barrier tal-hadid fi Triq il-Magna tas-Serrar liema barrier kienet imwahhla kontra r-regolament u mhux skond is-sengha u l-arti tant illi hija hazard ghas-sewwieqa u dan kif jidher fir-ritratti annessi u mmarkati Dok SD1A; Illi minhabba tali barrier istallata mill-Kunsill Lokali konvenut, l-attur nhar il-5 ta' April, 2008 sofra danni fil-vettura tieghu bin-numru ta' registrazzjoni ANN 014 u dan kif jidher mir-ritratti annessi u mmarkati Dok. SD2B; Illi l-Kunsill Lokali konvenut jahti unikament

ghad-danni sofferti mill-attur u dan kif se jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza; Illi huwa ghamel rapport ta’ dan l-incident lill-pulizija skond ma jirrizulta mir-rapport kopja tieghu annessa u mmarkata Dok. SD3C; Illi d-danni minnu sofferti jammontaw ghal elf, mija u hamsin ewro u sebghin centezmu (€1,150.70c) u dan skond ma jirrizulta mid-dokumenti annessi u mmarkati Dok. SD4D u Dok. SD5E; Illi huwa interpella lill-Kunsill Lokali konvenut biex jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas ta’ danni sofferti permezz ta’ ittra bonarja tas-17 ta’ April, 2008 u ittra ufficjali tal-24 ta’ Novembru, 2008 kopja annessa u mmarkata Dok. SD6F u Dok. SD7G; Ghaldaqstant, l-attur qieghed jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal jikkundanna lill-Kunsill Lokali konvenut ihallas is-somma ta’ elf, mija u hamsin ewro u sebghin centezmu (€1,150.70c) rapprezentanti danni sofferti mill-attur bl-ispejjez u l-imghaxijiet inkluzi dawk ta’ l-ittra bonarja u ta’ l-ittra ufficjali.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-effettiv pagament kontra s-socjeta’ konvenuta li minn issa hija ingunta in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-Kunsill konvenut, li permezz taghha eccepixxa illi t-talbiet tal-attur huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt. Illi l-allegat incident sehh unikament minhabba traskuragni, negligenza u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku minnek. Illi minghajr pregudizzju l-ammont li qieghed jintalab hu esagerat. Salv eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-15 ta’ Dicembru, 2008.

Ra d-digriet li nghata permezz tal-verbal tas-seduta tat-22 ta’ Ottubru, 2009, li permezz tieghu l-Kunsill konvenut gie awtorizzat li jipprezenta risposta ulterjuri.

Ra r-risposta ulterjuri tal-Kunsill konvenut li permezz taghha eccepixxa illi preliminarjament, l-inkompetenza ta’ dana t-Tribunal illi jiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici stante illi ai termini tar-raba’ skeda ta’ l-Att dwar l-Arbitragg (Kap.387) tilwi[m]a li torigina minn hsara fuq vettura u ma

tinvolviex ukoll hsara fil-persuna u taqa' fil-limitu ta' hdax-il elf, sitt mija, sitta u erbghin ewro sebgha u tmenien centezmu (€11,646.87c) allura l-gurisdizzjoni tat-tilwima taqa' fil-kompetenza esklussiva ta' l-arbitragg.

Ra s-sentenza preliminari li nghatat fid-19 ta' Frar, 2010 dwar l-eccezzjoni ulterjuri sollevata mill-Kunsill konvenut dwar in-nuqqas ta' kompetenza *ratione materie* ta' dan it-Tribunal sabiex jaqta' u jiddecidi din il-kawza.

Ra r-rikors tal-Kunsill konvenut datat 5 ta' Mejju, 2011, li permezz tieghu talab li jigi awtorizzat jipprezenta eccezzjoni ulterjuri; ra d-digriet tieghu tas-6 ta' Mejju, 2011; ra r-risposta tal-attur datata 6 ta' Gunju, 2011; ra d-digriet finali tieghu datat 14 ta' Gunju, 2011, li permezz tieghu t-talba tal-Kunsill konvenut giet michuda.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidra,

Illi din l-azzjoni tittratta dwar hsara li l-attur garrab fil-vettura proprjeta' tieghu, bin-numru ta' registrazzjoni ANN 014, meta dan habat f'*bollard* li kienet imwahhla fit-tarf ta' bankina fi Triq il-Magna tas-Serrar, Msida. Illi l-attur spjega illi dan l-incident sehh fil-5 ta' April, 2008; illi f'dak iz-zmien kienu qed isiru xogholijiet f'Rue d'Argens, Msida, u dan fil-medda tas-sistema tad-drenagg f'din l-istess triq, bil-konsegwenza illi kien hemm xi tibdil fis-sistema tat-traffiku fit-toroq fil-vicinanzi, inkluz fit-triq fejn sehh l-incident mertu ta' din il-kawza. Illi l-attur spjega illi kien ghaddej minn Triq Johnny Catania, u minhabba li kienet gejja vettura mid-direzzjoni opposta tieghu, z-zewg vetturi ma setghux jghaddu fl-istess waqt, hu beda jsuq lura bir-reverse, u x'hin dar ghal gewwa Triq il-Magna tas-Serrar, habat bil-karozza f'hadida li kienet imwahhla mat-tarf tal-bankina, bil-konsegwenza li garrab hsara it-tul kollu n-naha tax-xellug tal-vettura tieghu. Illi din il-*bollard* ma

kienet bl-ebda mod senjalata u mizbugha, u kienet turi evidenza ta’ impatt iehor b’vettura ohra; xehed ukoll illi diversi xhur wara din tnehhiet.

Illi s-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill konvenut iddikjara illi sar jaf dwar din il-*bollard* in segwitu tal-incident li fih kien involut l-attur, u aktar precizament minhabba l-ilment li ressaq l-attur in rigward mal-Kunsill konvenut. Illi s-Segretarju Ezekuttiv ddikjara illi fiz-zmien meta sehh dan l-incident hu kien ‘gia jokkupa l-kariga in kwistjoni, u ddikjara wkoll illi tali *bollard* ma setax gie mwahhal mill-Kunsill, u/jew bl-approvazzjoni u awtorizazzjoni tal-istess Kunsill konvenut, ghaliex hu – fil-kwalita’ tieghu ta’ Segretarju Ezekuttiv – ma kien ta ebda awtorizazzjoni u struzzjonijiet ghat-twahhil tal-istess. Illi hu spjega illi sabiex dan il-*bollard* ikun jista’ jigi mwahhal, il-procedura tirrikjedi illi ssir talba lill-Kunsill, li tkun trid tapprova tali talba, u li tkun tehtieg l-approvazzjoni wkoll ta’ Transport Malta. Illi imbaghad il-Kunsill jinkariga kuntrattur bil-ghan illi jigi mwahhal tali *bollard*, u dan ikun dokumentat permezz ta’ *purchase order* li jehtieg li jkun iffirmat mis-Segretarju Ezekuttiv. Illi hu jishaq illi mill-istharrig li wettaq ma rrizultax li kien hemm ebda struzzjonijiet formali f’dan ir-rigward, liema struzzjonijiet kienu jkunu mghotija se mai minnu stess, sabiex dan il-*bollard* jitwahhal fis-sit in kwistjoni.

Illi l-istess Segretarju Ezekuttiv iddikjara illi eventwalment inghataw struzzjonijiet mill-Kumitat sabiex dan il-*bollard* jitnehha, u dan fl-istess zmien li kienu qed isiru xogholijiet fuq il-bankini f’din it-triq, u fil-fatt dan il-*bollard* tnehha minn kuntrattur inkarigat mill-Kunsill konvenut.

Illi kemm is-Sindku attwali, u anke dak sedenti fiz-zmien meta sehh l-incident mertu ta’ din il-kawza, ghalkemm ikkonfermaw illi t-triq fejn sehh l-incident taqa’ taht il-kompetenza tal-Kunsill konvenut, iddikjaraw illi ma taw ebda struzzjonijiet sabiex dan il-*bollard* jitwahhal. Dan iddikjarawh b’tant konvinzjoni ghaliex oltre l-approvazzjoni tal-Kunsill, ikun mehtieg ukoll l-awtorizazzjoni ta’ Transport Malta - dak iz-zmien l-Awtorita’ dwar it-Trasport

f’Malta - u tali awtorizazzjoni mhux dokumentat li ntalab u li nghata.

Ikkunsidra,

Illi mill-fatti u provi mressqa mill-partijiet jirrizulta illi fiz-zmien meta sehh l-incident mertu ta’ din il-kawza kien hemm tibdil fid-direzzjoni tat-traffiku f’uhud mit-toroq fil-lokalita’ tal-Msida, u dan konsegwenza ta’ xogholijiet li kienu qed jigu mwettqa f’Rue d’Argens, Msida. Illi waqt illi l-attur kien ghaddej bil-vettura tieghu fi Triq il-Magna tas-Serrar, u aktar precizament qed jaghmel manuvra ta’ *reversing* minn Triq Johhny Catania ghal gewwa t-Triq imsemmija, hu habat bil-karozza tieghu f’*bollard* li kienet imwahhla fit-tarf tal-bankina, bil-konsegwenza illi kkawza hsara tul il-genb kollu tal-vettura tieghu, fuq in-naha tax-xellug taghha.

Illi mill-provi mressqa mill-partijiet irrizulta illi t-triq in kwistjoni, u cioe’ Triq il-Magna tas-Serrar, peress illi hija triq residenzjali, taqa’ taht il-kompetenza tal-Kunsill konvenut ghal dak li jirrigwarda l-manutenzjoni taghha, fost ohrajn. Illi l-istess japplika ghal dak li jirrigwarda l-manutenzjoni tal-bankini, li sabiex jitwahhal kwalunkwe oggett fuqhom, ikun mehtieg l-awtorizazzjoni u approvazzjoni tal-Kunsill konvenut, oltre l-awtorizazzjoni ulterjuri ta’ Transport Malta. Illi l-ufficjali pubblici li xehdu f’dawn il-proceduri ghan-nom tal-Kunsill konvenut jishqu illi ma taw l-ebda awtorizazzjoni sabiex il-*bollard* in kwistjoni jitwahhal f’din it-triq, u wisq anqas ma kien il-Kunsill konvenut – jew xi kuntrattur fuq struzzjonijiet tal-istess Kunsill konvenut – illi wahhal dan il-*bollard*.

Illi mid-dokumenti li gew ipprezentati mill-partijiet – senjatament ir-ritratti li gew ipprezentati mill-attur u l-minuti ta’ zewg laqghat tal-kumitat tal-Kunsill konvenut li gew ipprezentati mis-Segretarju Ezekuttiv – irrizultaw zewg fatti relevanti ghal dan il-kaz. Illi mir-ritratti tat-triq in kwistjoni li gew ipprezentati mill-attur (a fol.47) jidher illi kien hemm *bollards/barriers* ohra mwahhlin f’din l-istess triq, izda dawn kienu mwahhlin f’posizzjoni differenti minn dik il-*bollard* mertu ta’ din il-kawza, in kwantu dawn kienu

rtirati aktar ‘l gewwa mit-tarf tal-bankina u kienu mizbugha b’kulur ahdar, filwaqt illi l-*bollard* in kwistjoni ma kienx mizbugh u kien fit-tatf tal-bankina. Illi oltre dan, u b’referenza ghall-minuti li gew ipprezentati mis-Segretarju Ezekuttiv tal-laqgha tal-kumitat tal-31 ta’ Lulju, 2007, u aktar precizament f’punt hdax-(11) tal-agenda, minuta 647 tal-istess laqgha (a fol.86), hemm indikat illi; “*Is-Sindku ressaq sabiex issir bollard quddiem no. 18 Triq il-Makna tas-Serrar.*” Illi ma jirrizultax illi tali talba giet diskussa, u milqugha, u lanqas ma jirrizulta illi tali *bollard* hija fil-fatt dik mertu ta’ din il-kawza. Illi pero’, kien ikun utili illi saret kjarifika in rigward.

Illi Artikolu 33 tal-Kap 363 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi illi, “...*l-funzjonijiet ta’ kull Kunsill Lokali jkunu (a) li jipprovdi biex tinzamm fi stat tajjeb u ghall-manutenzjoni ta’, jew titjib fi, kull triq jew moghdija, li ma tkunx proprjeta’ privata: ... (d) li jipprovdi u jzomm fi stat tajjeb sinjali tat-toroq u marki tat-toroq xierqa, skond livelli nazzjonali u internazzjonali....”.* Illi kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell f’sentenza preliminari fil-kawza fl-ismijiet **Martin Debrincat vs l-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (13/2003PS)** moghtija fit-12 ta’ Jannar, 2005, “...*kunsill lokali ghandu, in forza tal-legam mal-funzjonijiet guridici tieghu, statutorjament identifikati, l-interess pubbliku-amministrattiv li jittutela lill-kollettivita’ fil-lokalita’ tieghu.... Dan ir-riljev jemani kemm mill-Att dwar il-Kunsill Lokali kif ukoll mill-Att dwar l-Ippjanar ta’ Zvilupp u hu intiz biex jassikura li l-kunsill lokali jkollu kontribut ampju u partecipattiv fil-gestjoni ta’ affari lilu istituzzjonalment affidati.*” Illi oltre dan, fil-kawza fl-ismijiet **Kunsill Lokali Mellieha et vs Central Mediterranean Development Corporation Limited et (356/1997**) deciza mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta’ Frar 2005 gie dikjarat “...*l-istess Kunsill certament ghandu interess guridiku billi ghandu l-obbligu u d-dmir li jara li l-artikolu 20(9)(l) tal-Kap 10 tal-Ligijiet ta’ Malta, li jiddisponi li ‘Kull triq ghandha tinzamm mill-persuna li tkun fethitha fi stat tajjeb ta’ tiswija b’mod li joghgob lid-Direttur tax-Xogholijiet Pubblici’, jigi rispettat... Il-Kunsill Lokali, f’materja ta’ toroq jista’ jigi kunsidrat bhala l-“lunga mano” tad-Direttur tax-Xoghlijiet Pubblici...”.*

Illi l-Kunsill konvenut qed jikkontendi illi ladarba l-*bollard* in kwistjoni ma twahhlitx minnu, jew fuq struzzjonijiet moghtija minnu, allura m'ghandux jigi ritenut responsabbli ghall-hsara li rrizultat fil-vettura tal-konvenut konsegwenza tal-incident mertu ta' din il-kawza. Illi huwa minnu li ma ngabet ebda prova mill-attur dwar minn min twahhal dan il-*bollard*. Madanakollu, mhux ikkontestat mill-Kunsill konvenut illi l-manutenzjoni u zamma tat-triq u bankina fejn sehh l-incident, u cioe' Triq il-Magna tas-Serrar, taqa' fil-kompetenza u gurisdizzjoni tieghu. Illi jsegwi ghalhekk illi kwalunkwe *street furniture*, inkluz dan il-*bollard*, huma proprjeta' tal-Kunsill, sakemm ma jirrizultax mod iehor. Illi fil-fatt, is-Segretarju Ezekuttiv ikkonferma illi meta jitwahhlu *bollards* simili ghal dak mertu ta' din il-kawza, dawn isiru proprjeta' tal-Kunsill in kwistjoni. Illi wiehed jista' ghalhekk jasal ghall-konkluzjoni illi anke dan il-*bollard* huwa proprjeta' tal-Kunsill, ladarba ma rrizultax mod iehor, tant illi l-istess Kunsill kellu s-seta' li jordna li dan jitnehha.

Illi fil-kaz in ezami, ghalkemm ma rrizultax min wahhal dan il-*bollard*, madanakollu, il-Kunsill konvenut ikkonferma li ta l-istruzzjonijiet mehtiega, u gie inkarigat kuntrattur minnu, sabiex dan il-*bollard* jitnehha. Illi tramite ta' din il-misura li ha l-Kunsill konvenut jirrizultaw zewg fatturi: (i) Illi l-Kunsill konvenut irrikonoxxa illi l-*bollard* in kwistjoni ma kellux jigi mwahhal *ab initio* – ghaliex altrimenti ma kienx inehhih semplicement in bazi tal-fatt li l-attur ilmenta dwaru ghaliex habat fih, jekk tali habta kienet biss konsegwenza ta' negligenza fis-sewqan tal-attur, kif qed jigi allegat mill-Kunsill konvenut fir-risposta tieghu; u (ii) illi fil-mument li l-Kunsill konvenut ordna li l-*bollard* jitnehha, inholoq ness kawzali tal-Kunsill konvenut ma' dan l-istess oggett, in kwantu, dan l-oggett gie meqjus daqs li kieku kien tieghu, ghaliex altrimenti, ma kienx ikollu s-seta' li minn jeddu jnehhih.

Illi dan oltre l-fatt illi dan il-*bollard* twahhal f'posizzjoni prekarja ghat-traffiku li jkun ghaddej f'din it-triq, ghaliex kien qrib wisq tat-tarf tal-bankina, oltre illi ma kienx adewgwatament senjalat b'kulur li jaghmlu aktar vizibbli ghall-utenti tat-triq. Illi dan kollu jimmilita a favur it-tezi tal-

attur, illi waqt li kien qed jaghmel manuvra ta’ *reversing*, u allura l-vizwali tieghu hija ristretta aktar milli kemm-il darba kien miexi ‘l quddiem, dan il-*bollard* ma kienx sufficjentement vizibbli, u l-posizzjoni tieghu wassal sabiex kien ta’ ingombru u perikolu ghal min ikun ghaddej bil-vetturi minn din it-triq.

Illi fid-dawl ta’ dawn il-fatti, it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Kunsill konvenut ghandu d-dmir u responsabilita’ lejn ir-residenti tal-lokalita’, illi jwettaq il-funzjonijiet tieghu, u jaccerta illi ma jkunx hemm perikolu u inkonvenjent f’dawk l-oqsma li jaqghu taht l-amministrazzjoni u tmexxija tal-istess Kunsill.  Illi ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Kunsill konvenut huwa responsabbli ghall-hsara li l-attur garrab fil-vettura tieghu.

Illi in rigward il-*quantum* tad-danni reklamati mill-attur, li jirrizultaw minn zewg stejjem li jinsabu a fol.7 u 8 tal-atti, u li jirraprezentaw l-ispiza ghat-tnehhija u rimpjazzar tal-parts, kif ukoll *spray painting*, kif ukoll il-prezz ta’ parts li jehtieg li jinbidlu, senjatament iz-zewg bibien ta’ quddiem u ta’ wara tan-naha tax-xellug tal-vettura tal-attur, dawn gew ikkonfermati mill-persuni li rrilaxxjawhom.  Illi ghalkemm il-Kunsill konvenut ikkontestata l-ammont reklamat, u ddikjara fir-risposta tieghu li dan l-ammont huwa esagerat, madanakollu, ma ressaq ebda prova sabiex jikkuntrarja l-valutazzjoni li ngabet mill-attur.  Illi ghalhekk, it-Tribunal ser jghaddi abiex jakkolji t-talba tal-attur ghall-hlas tal-ammont mitlub fl-avviz tat-talba.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta gustifikata u ppruvata, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezjonijiet tal-Kunsill konvenut, jilqa’ t-talba tal-attur u jikkundanna lill-Kunsill konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ elf mija u hamsin Ewro u sebghin centezmu (€1,150.70c), bl-imghax mid-data tal-prezenti.

Bl-ispejjez, inkluz tas-sentenza dwar l-eccezzjoni preliminari, kontra l-Kunsill konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------